# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS LL.D.

**Kawza Nru: 395/2010**

**Illum: 15 ta' Frar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Michel Hili**
**(ID 027476(G))**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Michel Hili ta' 33 sena, iben Publius u Maria nee` Vella, imwieled ir-Rabat (Ghawdex) fit-12 ta' Ottubru 1976, residenti 89, Triq San Bert, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 027476(G);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Frar 2010:

a) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Frar 2015, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mressqa f'dik il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-11 ta' Frar 2010, ghall-habta tat-8.30 p.m., waqt *roadblock* li kien qed isir mill-Forzi Armati ta' Malta, bejn l-Ghadira u c-Cirkewwa, Gunner 87024 Matthew Attard u Gunner 86920 Nathan Vella innutaw pakkett jew borza tintrema' mal-art minn vettura. Gunner Vella gabar din il-borza ossia borza tal-plastik li kienet tikkontjeni xi weraq, minn mal-art, xi tliet metri l-boghod mill-vettura in kwistjoni u ghaddiha lill-Kaptan Ebejer, li kien il-fizzjal *in charge* f'dak ir-*roadblock*. Din il-borza giet mghoddija mill-istess Kaptan Ebejer lil PS 1220 Chris Baldacchino, li da parti tieghu, ghaddiha lill-Ufficjal Investigatur ossia lill-Ispettur Dennis Theuma.

L-imputat gie arrestat u rrilaxxja stqarrija l-ghada 12 ta' Frar 2010, wara li nghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu qabel l-interrogatorju, liema dritt huwa ghazel li jezercitah. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[1], l-imputat jghid illi fil-jum ta' qabel huwa kien tiela' Ghawdex ghaliex kien sejjer lura d-dar u kkonferma li kien twaqqaf minn membri tal-Forzi Armati, li kienu qeghdin jaghmlu *roadblock* fl-inhawi tac-Cirkewwa. Jghid illi huwa kien qed isuq Suzuki Vitara u meta gie ssuggerit lilu illi membri tal-Forzi Armati kienu rawh jarmi xi borza mit-tieqa tal-vettura li kien qed isuq, huwa qal li dan ma kiex minnu. Meta muri l-borza in kwistjoni, huwa jichad li din il-borza kien remiha hu. Jghid ukoll illi huwa qatt ma abbuza minn droga u li qatt ma kellu kazijiet mal-pulizija. Jghid illi huwa mess din il-borza b'idu wara li giet misjuba mill-membri

[1] Esebita a fol. 10 tal-process.

tal-Forzi Armati u dan sabiex iserrah rasu ghaliex haseb li kien hemm ammont kbir.

Ix-xhud Gunner 87024 Matthew Attard jghid dwar ir-*roadblock* in kwistjoni, illi dakinhar huwa kien qieghed lura fl-istess *roadblock* u li xoghlu kien li jekk jara lil xi hadd jarmi xi haga, huwa jinforma b'dan fuq ir-radju sabiex imbaghad jiehu *over* il-fizzjal l-iehor. F'dan il-kaz, huwa ra lil xi hadd jarmi xi haga u ghajjat fuq ir-radju "*dan rema*". Jghid illi kien id-dlam u li kien hemm *queue* ta' vetturi. Ix-xhud jghid illi ma kellux dettalji dwar min rema, il-kulur tal-vettura jew in-numru ta' registrazzjoni taghha u li huwa la jiehu u lanqas kellu notamenti ghaliex dawn izommhom il-fizzjal. Mistoqsi dwar il-kulur tal-vettura, jghid li ma kellux dettalji dwar dan ghaliex huma jkunu fil-gnub, fis-sigar. Jghid illi l-karozzi kienu qeghdin jitwaqqfu xi sebghin jew mitt metru l-boghod minn fejn kien hu. Mistoqsi jekk jindikax numru ta' registrazzjoni sabiex jindika liema vettura ghandha titwaqqaf, jghid illi n-numru tal-karozza ma rahx u li l-kulur tal-vettura ma setax jindikaha ghaliex kien id-dlam. Jghid illi ra pakkett jaqa', li ma jiftakarx minn fejn waqa' dan il-pakkett u li hu lanqas ma kien mess l-esebit (Dok. DT1) ghaliex huwa kien baqa' f'postu. Jidhirlu li kien gabru siehbu, li kien fuq in-naha l-ohra tat-triq. Jghid illi huwa kien fuq in-naha tal-passiggier. Lanqas ma ftakar jekk rax il-pakkett jintrema min-naha tal-passiggier jew tax-xufier u lill-imputat ma ftakrux.[2]

Ix-xhud Gunner Nathan Vella qal illi hu u siehbu kienu qeghdin xoghol f'*roadblock*, li huma kienu *cut offs* u li jkunu mitejn metru l'boghod mir-*roadblock*. Jghid illi dan il-kaz sehh xi sentejn qabel, li r-*roadblock* saret il-Mellieha u li notamenti ma kienx izomm. Ma jafx min kien izomm in-notamenti, imma suppost izommhom il-fizzjal. Jghid illi kienu ghaddejjin il-karozzi u raw vettura titfa' qisha borza tal-plastik mal-art. Jghid illi ma jafx x'kienu l-kulur, in-numru jew il-marka tal-vettura. Jghid illi dawn id-dettalji ma jiftakarhomx u li kien id-dlam. Lanqas ma jaf min hi l-persuna li ra fil-vettura jew jekk kienx hemm persuna wahda jew izjed fil-vettura. Jghid illi dakinhar huma kienu rawh, imma nesa ghaliex ghadda z-zmien u ghalhekk il-kulur tal-vettura u l-persuna kien nesihom. Jerga' jghid ukoll illi kien id-dlam. Jghid illi huma jindikaw lis-suldati li jkunu mar-*roadblock* in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura u li dakinhar dan in-numru kien rah. Meta gie ssuggerit lilu illi l-kollega tieghu, li kien hdejh, qal li ma kienx rah, huwa wiegeb li biex waqqfu l-vettura bil-fors li kien ta xi indikazzjoni ta' numru jew marka jew lewn tal-vettura, ghalkemm ma jiftakarx x'indikazzjoni kien tahom biex twaqqfet il-vettura. Meta gie ssuggerit lilu illi kien hemm *queue* ta' vetturi mexjin wara xulxin, ix-xhud jghid illi ma jiftakarx. Jerga' jghid illi dak

[2] A fol. 11 sa 17 tal-process.

li jiftakar kien li ra lil xi hadd jarmi borza tal-plastik minn din il-vettura, liema borza kien fiha xi bicca werqa, jekk kien jiftakar sew. Jghid illi din il-borza gabarha hu, li huma kienu mohbijin u hareg ghaliha. Jghid illi din il-borza waqghet tlett metri l-boghod mill-vettura li ntremiet minnha. Il-vizibilita` kienet tajba b'tali mod li seta' jara x'kien qed jigri fit-triq. Jghid li ma jiftakarx jekk din il-borza hargitx mit-tieqa ta' quddiem jew ta' wara. Jghid illi dakinhar kien *in charge* il-Kaptan Ebejer. Huwa gharaf id-Dokument DT1 bhala l-borza b'weraq niexef li ntremiet mill-vettura. Jghid illi notamenti ma jzommx, li r-rapport kien ghand il-Kaptan Ebejer u li ma kellux cans jirrevedih, ghalkemm kien ilu jaf b'din il-kawza xi erba' xhur. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi l-Kaptan Ebejer seta' jixhed fuq dak li qallu hu dakinhar u li dak il-hin, huwa kien qallu x'kienet il-marka tal-vettura u l-kulur taghha.[3]

Il-Kaptan Jason Ebejer jixhed illi fil-11 ta' Frar 2010, ghall-habta tat-8.30 p.m., kien qieghed isir *vehicle check point* bejn l-Ghadira u c-Cirkewwa, meta gie infurmat minn Gunner Attard u Gunner Vella illi kienet riesqa vettura hamra, Suzuki Vitara, bin-numru ta' registrazzjoni CAE 271, misjuqa mis-Sur Hili. Jghid illi gew infurmati sabiex iwaqqfu din il-vettura stante li x-xufier kien intlemah jarmi xi haga mill-istess vettura. Jghid ukoll illi Gunner Vella kien wiehed mill-*cut offs* li kien qed josserva l-*vehicle check point*, li l-vettura twaqqfet u Vella qalilhom li kien fiha borza li kienet tikkontjeni sustanza suspettata weraq tal-*cannabis*. X'hin Vella tela' hdejn it-*traffic sentry*, huwa kkonferma li din kienet il-vettura u l-persuna li kienet qed issuq il-vettura ossia s-Sur Hili. B'referenza ghad-Dokument JE, ix-xhud jghid illi dan ikun fih id-dettalji kollha li jkunu ttiehdu fuq il-post, li huma jzommu kopja u jghaddu kopja tieghu li min jiehu *over*, f'dan il-kaz PS 120 Baldacchino. Ix-xhud jindika d-dettalji kollha li hadu lill-imputat dak il-hin fuq il-post u li kienu mnizzla fuq l-istess dokument u jghid illi fil-vettura kien hemm ukoll passiggier, certu Zerafa. Jghid illi fil-posizzjoni li kien qieghed, huwa ma seta' bl-ebda mod jara lill-persuna tarmi, izda meta kien hdejn it-*traffic sentry* u telghu n-nies tieghu, huma kkonfermaw li din kienet il-vettura in kwistjoni. Jghid illi huwa jzomm l-oggett in kwistjoni sakemm jaghti *over* lill-pulizija. Jghid ukoll illi jsir il-*handing over certificate* u x'hin jidhlu lura, jaghmel *briefing* man-nies tieghu u jaghmel ir-rapport, li jinzamm minnu. Fir-rigward tad-Dok. DT1, huwa jghid illi dan telghu bih il-*cut offs* u tawh lilu u meta huwa staqsa jekk jikkonfermawx il-vettura u li l-oggett intrema minn quddiem, dan ikkonferma.[4]

---

[3] A fol. 18 sa 29 tal-process.
[4] A fol. 32 sa 37 tal-process.

Gunner Matthew Attard rega' xehed fir-rigward tad-dokument esebit bhala Dok. JE ossia l-*handing over certificate*. Jghid illi dakinhar li sehh il-kaz, huwa rrapporta lil Kaptan Ebejer li kien *in charge* mill-*vehicle check point*. Jghid illi huwa ghajjatlu fuq ir-radju u qallu li waqa' oggett suspettuz mit-tieqa tax-xufier, izda minn hemm ma jafx x'ghamel Ebejer. Jghid illi huwa baqa' *cut off* isfel u ma telax hdejh. Jghid illi ma jafx jekk isirx rapport bil-miktub da parti tas-superjuri tieghu.[5] Da parti tieghu Gunner Vella jghid illi dakinhar huwa rrapporta lil Kaptan Ebejer, jghidlu dak li jkun ra, jghidlu liema hi l-vettura u jikkonferma. Jghid illi mbaghad, il-Kaptan Ebejer ha r-rapport bil-miktub, ghalkemm ma kienx cert jekk rahx jikteb dak il-hin. Jaf li r-rapport isir bil-miktub, izda ma setax jghid jekk isirx dak il-hin. Dwar id-Dokument JE jghid illi dan inkiteb dak il-hin, sa fejn jaf hu, imma ma kienx jaf jekk Ebejer imbaghad jiehux izjed noti u li jsir fuq dak li jkunu qalulu huma. Wara jghid illi jkun qallu x'ra, izda ma kienx cert jekk Ebejer kitbux dak il-hin jew wara. Jghid illi huwa jindikalu l-vettura u l-persuna u Ebejer jaghmel ir-rapport.[6]

Xehed ukoll PS 1220 Chris Baldacchino li qal illi fil-11 ta' Frar 2010, huwa kien qieghed fil-limiti tal-Ghadira fejn kien hemm *roadblock* tas-suldati u l-Kaptan Ebejer kien qallu illi kienu waqqfu vettura ghax Gunner Vella u Gunner Attard kienu raw lix-xufier jarmi xi haga mal-art. Ebejer tah borza li kienet tikkontjeni sustanza suspettata haxixa u meta huwa staqsa lil Attard u lil Vella ghalfejn kienu waqqfu din il-vettura, dawn qalulu li kienu raw lix-xufier jarmi din il-borza mal-art. Ghalhekk l-imputat ittiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal izjed investigazzjoni. Jghid illi Dok. DT1, ossia l-borza in kwistjoni, inghatat lilu mill-Kaptan Ebejer fil-presenza ta' Attard u Vella. Jghid ukoll b'referenza ghal Dokument JE illi dan huwa r-rapport li jaghmlu s-suldati fuq il-post u li huwa kien ghadda dan id-dokument lill-Ispettur Theuma.[7]

Mir-rapport esebit mix-Xjenzat Godwin Sammut[8], jirrizulta illi huwa nghata dokument wiehed ghall-analizi tieghu, li kien jikkontjeni s-segwenti: *envelope* kannella mmarkat bhala S/B/474/2012 li fih: i) borza tal-plastik trasparenti mmarkata bhala DT1 li fiha karta bil-kliem Data 11-02-10 Hin 08:30pm Elevat/i minn Michel Hili 027476(G) fil-prezenza ta' ______ minn AFM 0.2 grams grass u (ii) borza tal-plastik trasparenti li fiha xi haxix ta' lewn ahdar.

[5] A fol. 40 sa 43 tal-process.
[6] A fol. 44 sa 46 tal-process.
[7] A fol. 47 sa 50 tal-process.
[8] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 56 sa 62 tal-process.

Skont l-istess rapport, fl-estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar fl-istess dokument instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* – sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piz tal-haxix kien ta' 0.21 grammi.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat f'dan il-kaz m'humiex sufficjenti sabiex iwasslu lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali illi kien effettivament l-imputat li rema l-borza tal-plastik in kwistjoni. Jibda biex jinghad illi l-imputat cahad li huwa rema xi borza minn got-tieqa tal-vettura li kien qieghed isuq. Fir-rigward tax-xhieda ta' Gunner Matthew Attard, il-Qorti tinnota illi ghalkemm dan ix-xhud jghid illi huwa ra pakkett jintrema minn vettura, biss jghid ukoll illi dak il-hin kien id-dlam, li huwa kien fil-genb tat-triq u li ma kienx f'posizzjoni li jara l-kulur u n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li minnha ntrema dan il-pakkett. Lanqas kien jiftakar jekk il-pakkett intremiex min-naha tax-xufier jew tal-passiggier. M'hemmx dubbju illi minn din ix-xhieda, il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tikkonkludi illi l-borza in kwistjoni harget mill-vettura tal-imputat odjern, li lanqas kien f'posizzjoni li jara l-lewn u n-numru tal-istess vettura. Fir-rigward tax-xhieda ta' Gunner Vella, imbaghad, ghalkemm dan ix-xhud ma jghidx bhax-xhud ta' qablu, illi huwa ma rax il-kulur, in-numru u l-marka tal-vettura, biss stante li kien ghadda z-zmien, ma kienx ha notamenti u ma kienx ra r-rapport tal-fizzjal qabel ix-xhieda tieghu, ma setax jiftakar dawn id-dettalji, bhal ma lanqas ftakar jekk kienx hemm persuna wahda jew izjed fil-vettura u jekk l-oggett li ntrema harigx mit-tieqa ta' quddiem jew ta' wara. Lanqas ma jiftakar x'indikazzjoni kien ta lit-*traffic sentry* biex twaqqfet il-vettura u bhax-xhud ta' qablu jghid ukoll li kien id-dlam u in oltre li huwa kien qieghed xi mitejn metru l-boghod minn fejn twaqqfet il-vettura. Din ix-xhieda, ghalhekk, lanqas ma hija ta' wisq konfort ghall-Prosekuzzjoni, ghaliex lanqas hawn ma jirrizulta sal-grad li trid il-ligi illi l-borza in kwistjoni harget proprju mill-vettura tal-imputat odjern. Imbaghad, il-Qorti tqis ukoll illi ghalkemm il-Kaptan Ebejer esebixxa r-rapport tieghu u jghid illi dan huwa r-rapport li hejja dakinhar stess, fuq il-post, dwar l-incident in kwistjoni, jghid ukoll illi mill-posizzjoni li kien qieghed fiha hu, ma setax jara l-oggett jintrema u li r-rapport tieghu sar a bazi ta' dak li kien qallu Gunner Vella. Il-Kaptan Ebejer ghalhekk xehed fuq kliem haddiehor u r-rapport tieghu wkoll kien ibbazat esklussivament fuq dak li rraporta lilu Gunner Vella. Naturalment, anke x-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino tikkostitwixxi xhieda fuq kliem haddiehor. Irid jinghad ukoll illi ghalkemm Gunner Vella gie muri r-rapport imhejji minn Kaptan Ebejer u kkonferma illi dan ir-rapport jinkiteb mill-fizzjal *in charge*, f'dan il-kaz Ebejer, a bazi ta' dak illi

jkunu rrapurtawlu huma, huwa ma kienx cert dwar jekk dan ir-rapport inkitibx dak il-hin jew wara u fl-ebda hin ma kkonferma l-kontenut ta' dan l-istess rapport.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ma ngabux provi sufficjenti li jistghu jwassluha sal-grad tal-konvinciment morali, illi l-borza in kwistjoni kienet intremiet proprju mill-imputat odjern u konsegwentement, tqis ukoll illi l-imputazzjoni odjerna ma gietx sodisfacentement ippruvata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha.

Tordna d-distruzzjoni tad-Dokument DT1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat